mur quddiemu u jgħidlu li raħa, iltaqa' magħha u kelmitu. Imma x'jibda jagħmel, liema sinjal jibda jagħti lill-Isqof Zumarraga?

Jumejn wara, iz-ziju ta' Juan Diego nxteħet b'deni qawwi u beżgħu li kien sejjer imut. Juan Diego telaq jiġri lejn il-Knisja tal-Missjoni biex iġiblu saċerdot, u, billi ried iħaffef, u beża' li t-Tfajla Omm twaqqfu u ttellfu ż-żmien, ġibed minn fuq ix-xaqliba l-oħra tal-għolja.

Imma l-Madonna qasmet min-naħa għal oħra tal-għolja, u waqqfitu. "Dan x'kien għaddejt minn hawn, Juan Diego?" staqsietu.

"La twaqqafnix, jaħasra", Diego qalilha, "għaliex għandi z-ziju qed imut, u sejjer inġiblu saċerdot. Issa nerġa' niġi biex inkellem lilek".

"Le, Juan, isma' minni. Agħmel li ngħidlek jien. Mur, inti, għand l-Isqof, u għidlu jibnili knisja fejn tlabtek. U la taħseb xejn għal zijuk, għax sejra jiena ħdejh, u meta tmur lura ssibu mfejjaq".

U tabilħaqq, dehret ukoll lix-xwejjaħ, u qajmitu mis-sodda.

Juan Diego talabha sinjal biex jieħdu lill-Isqof. "L-Isqof irid sinjal", qalilha.

"Itla' hemm fuq", qaltlu t-Tfajla Omm, "hemm, qalb il-blat, u aqta' l-ward li ssib hemm".

"Ward qalb il-blat! Ward f'Diċembru!"

"Juan Diego, agħmel li qed ngħidlek jien".

Ward qalb il-blat! Ward f'Diċembru! Imma Juan Diego għamel kif qaltlu t-Tfajla Omm — u tabilħaqq, hemm, qalb il-blat, f'nofs ta' xitwa, hemm sab il-ward — aħmar u abjad u isfar. Qatagħhom, u t-Tfajla Omm sarrithomlu fil-mantar tiegħu. "Qis li ma turihom lil ħadd", wissietu, "qabel ma tasal għand l-Isqof".

L-Isqof kien qed iqaddes. Juan Diego ma kellux sabar, ma ħamelx jistenna. Baqa' dieħel fil-knisja, ma beżżgħux il-ħars ikreh, ma rahomx l-għajnejn imgħaddba, ma semax it-tgemgim. Baqa' tiela' sa fuq l-artal, inxteħet għarkubbtejh, u l-Isqof dar iħares lejh, u Juan Diego, hieni, għajnejh mixgħula, daħkan, fetaħ il-mantar u minnu xtered il-ward — aħmar, abjad u isfar. Ward f'Diċembru! Ward minn ġuf il-blat!

U l-Isqof ħass bħal reqqet ir-ruħ, u, hemm fuq l-artal, niżel għarkubbtejh, u d-dmugħ ġelben fuq xfar għajnejh, għax mhux



il-ward biss ra, ward f'Diċembru, ward mill-blat, imma hemm, f'nofs il-mantar msewwef ta' bidwi Indjan, kien hemm xbieha tat-Tfajla Omm, bil-bluża bajda u l-mantar ikħal, bit-tberfil tad-deheb u l-fidda, u l-ward aħmar u l-weraq aħdar, u l-isplinguni tad-deheb; u wiċċha kien ta' tfajla Indjana, għax kienet ix-xbieha li tfarrket mas-saqajn; kienet it-Tfajla Omm ta' Juan Diego, u ma' għonqha, u fuq sidirha, u ma' dirgħajha kellha d-deheb li neżżgħu l-Indjani biex libbsu lilha.

L-Isqof qam, u, b'rogħda f'dirgħajh, tferfir f'qalbu, u d-dmugħ f'għajnejh, ħa f'idejh il-mantar ta' Juan Diego, refgħu fil-għoli, dawru lejn il-kongregazzjoni.

U kelma waħda ma qalx.

Il-knisja nbniet, knisja kbira, sal-lum magħrufa bl-isem ta' Sidtna ta' Guadalupe. Il-mantar ta' Juan Diego għadu hemm sal-lum. Mantar irqiq qisu xkora rħisa, u sal-lum ħadd għadu ma qal xi lwien huma dawk li hemm fuqu.

U f'dak il-maqdes il-ħakkiema Spanjoli daħlu ma' l-irsiera Indjani biex jagħtu ġieh lil Ommna tas-Sema, li dehret lill-Indjani bix-xbieha ta' Indjana, għax quddiem Alla mhux lewn il-wiċċ igħodd, u anqas saħħet il-ġisem, u anqas għanet il-but, imma l-lewn tal-qalb, u s-saħħa ta' dinek, u l-għana mbierek tar-ruħ.

---

## KSIB MILL-"GĦAQDA" TAL-PROPRJETA' LETTERARJA TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET BIL-MALTI TA' SIR TEMI ZAMMIT

Bis-saħħa ta' skrittura privata bid-data tal-5 ta' Settembru, 1952, l-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" kisbet minn għand il-werrieta ta' Sir Temi Zammit il-proprjetà letterarja (*copyright*) ta' kulma l-istess Sir Temi Zammit ippubblika bil-Malti kemm f'kotba u kemm f'rivisti u ġurnali u kemm b'kull mod ieħor.

Xejn għalhekk ma jista' jiġi ippubblikat, imxandar minn fuq ir-*radio* jew b'mod ieħor jiġi riprodott mill-pubblikazzjonijiet bil-Malti ta' l-imsemmi Sir Temi Zammit mingħajr il-kunsens bil-miktub tal-Kunsill tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti".